# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 2 ta’ 2021, miżmuma nhar id-9 ta’ Frar 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għoxrin ta’ filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (online) | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC | (online) | Membru Delegat |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar (online) | | Membru |

Membri Skuzati:

| | | |
|---|---|---|
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Member |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

2.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

2.3 Komunikazzjoni tal-President;

2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

- 2.4.1 Mgarr Solar Farm

2.5 Kumunikazjoni

2.6 Rapporti;

2.7 Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

- 2.7.1 Waste Management
- 2.7.2 Obersver Status for new Councils
- 2.7.3 Seeting up of sub-committees
- 2.7.4 Consualtat – Waste
- 2.7.5 New Book – Dr Keith Sciberras
- 2.7.6 Art Festivals – Dr Vince Briffa
- 2.7.7 Tender CM Street Light

2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-Viċi President Paul Vella. Bdiet fis-18.20hrs. Is-Sur Vella fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t’ Apoloġiji

Is-Sinjur Peter Sant Manduca kien assenti.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 1 ta’ 2021 ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma:
Tender tal-Contract Management. Is-SE intalab jikteb lill-Kunsilli biex jara x’interess hemm biex jinħareġ tender reġjonali għal dan is-servizz fejn fih jintalab li jkun hemm servizz minn kumpanija li toffri servizz ta’ *tender management* ħolistiku, u b’ħinijiet li jilħqu l-iktar lokalitajiet. Dan it-tender isir fuq bażi reġjonali, iżda jkun lokali, l-istess prinċipju li ntuża għat-tender tad-dwal tat-toroq, fejn ikun il-Kunsill Lokali li jħallas għas-servizz.

Fis-18:30hrs wasal is-Sur Anton Mifsud, President, u kompla t-tmexxija tal-laqgħa.

Romilda B Zarb espremiet ix-xewqa li r-Reġjun ikollu l-*Community Policing* implimentant kullimkien. Saret diskussjoni fuq il-materja u s-SE intalab isejjaħ laqgħa mal-uffiċjali tal-Pulizija.

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President semma' l-laqgħa li kienet saret fuq it-tender il-ġdid għas -servizz tal-ġbir tal-iskart, liema tender issa ser jinħareġ reġjonali. Tkellem kif id-DLG qed jikkordina mal-Ministeru tal-Ambjent. Ir-Reġjuni ser ikunu qed joħorġu dan it-tender, iħallsu l-ħlas dovut u jiġbru l-flus mill-Kunsilli. Il-Kunsilli ser jibqgħu responsabbli għall-operat u jkollhom il-kuntrattur tal-iskart individwali. Għadha ssir laqgħa mid-DLG mal-Kunsilli li ser ikunu parti mir-Reġjun fuq dawn it-tenders.

## - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Fir-rigward tat-tender għal Contract Management u s-sistema elettronika tat-tender tad-dawl, il-membri qablu li dan it-tender għandu jiġġedded u fl-istess ħin, jibda ix-xogħol biex jinħareġ tender għar-Reġjun il-ġdid.

## – Komunikazzjoni

## – Rapporti

.

## – affarijiet oħra

Mġarr Solar Farm - Is-SE, informa lill-membri rigward it-talba tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr rigward il-bini ta' Solar Farm li hemm propost ġewwa l-Imġarr. Il-Kunsill talab lir-Reġjun sabiex jgħin l-istess Kunsill fuq din l-applikazzjoni. Huwa mifhum li dan l-iżvilupp ser ikollu mpatt negattiv fuq il-lokalita'. Il-membri tar-Reġjun qablu li r-Reġjun għandu jgħin lill-Kunsill tal-Imġarr u s-SE intalab ifittex professjonist sabiex jiprepara rapport u sottomisjoni fuq din l-applikazzjoni. Kien propost li naraw jekk il-Professur Alan Deidun jistax jgħin. Il-President ippropona li r-Reġjun jimxi fuq dawn il-passi. Anne-Marie Muscat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu unanimament.

Observer Status for new Councils – Il-membri tkellmu fuq il-possibilta' li jkunu mistiedna jattendu l-laqgħat il-membri tal-Kunsilli l-ġodda. Dawn ikunu qed jattendu bħala osservaturi biss. Saret diskussjoni u l-membri qablu li għalissa s-SE jistenna komunikazzjoni mid-DLG.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Setting up of sub-committees

Consultant – kien diskuss l-għajnuna li qed tagħti lir-regjun is-Sunjura Vanja Veras. Romilda B Zarb ipproponiet u l-Membri qablu li din għandha titqabbad bi ħlas għas-servizz ta' konsulenza meta jkun hemm bżonn.  Kien diskuss ukoll li r-Reġjun jippublika d-dokument li lesta għall-konsultazzjoni tal-iskart. Il-membri talbu lis-SE jaħdem fuq dan ir-rigward.

New Book – Dr Keith Sciberras – Il-membri iddiskutew li jibda x-xogħol fuq ktieb ġdid Reġjonali. Paul Vella, issekondat minn John Buttigieg ipropona li Dr Keith Sciberras jintalab jikteb ktieb fuq l-arti li tinsab fil-knejjes tar-Reġjun. Dan il-ktieb minħabba li jkun ippublikat fis-sena 2022, għandu jinħadem fuq il-kompożizzjoni tar-Reġjun il-ġdid. Il-membri qablu.

Art Festivals – Dr Vince Briffa – Il-membri qablu li jinbeda x-xogħol fuq festival tal-arti. Is-SE ser jitkellem ma' Dr Vince Briffa biex dan ikun l-artistic director ta' dan il-festival, kif ukoll isir sotto kumitat li fih ikun hemm ukoll is-Sinjura Romilda B Zarb, Daryl Connor u Paul Fenech.

Tender CM Street Light – Dan ser ikun estiż hekk kif diġa diskuss.

Is-SE informa lill-membri li fejn jidħol tneħħija ta' vetturi (towing), il-liġi tiprovdi li dan jista jsir jew mill-Kunsill Lokali, TM jew Pulizija.

Romilda B Zarb ipproponiet li jsir sotto kumitat biex ikun jista' jara x-xogħol u l-performance tar-Reġjun.  Is-SE qal li dan is-sotto kumitat għandu jkun kompost mill-membri stess u m'għandux ikun parti minn dan il-kumitat.  Il-membri qablu.  Romilda B Zarb, Omar El Arab, Anton Mifsud u Daryl Connor ser ikunu fuq dan is-sotto kumitat.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 134 kienet preżentata.  Paul Vella ippropona li tkun approvata.  John Butigieg issekonda.  Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-disgħa ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2021, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

_________________________ _____________________________



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 16 ta’ Marzu 2021